MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1473/2004

**Gutenberg Press Ltd (C8936)**

**vs**

**Mark Anthony Portelli**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Lulju, 2004 fejn is-socjeta' attrici qed titlob is-somma ta' elf mitejn sebgha u hamsin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm1,257.10) minghand il-konvenut rapprezentanti prezz ta' xogholijiet u servizzi ta' stampar rezi lill-konvenut mill-istess socjeta' attrici. Nonostante tentattivi verbali u bil-miktub (Dok A) sabiex dan l-ammont jithallas il-konvenut baqa' inadempjenti.**
**Is-socjeta' attrici qed titlob ukoll l-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena fuq l-ammont dovut mid-data tas-27 ta'**

**Awissu, 2003 kif indikati fuq il-prospett esebit (Dok B) sal-gurnata tal-hlas effettiv.**
**Bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fid-29 ta' Ottubru, 2004, fejn intqal:**
**1. Illi l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;**
**2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mhuwiex dovut kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante illi x-xoghol li ghamlet is-socjeta' attrici sar hazin u mhux skond kif miftiehem u difatti ma giex accettat;**
**3. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suespost, ix-xoghol in kwistjoni sar tard.**
**4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra l-kontro-talba tal-konvenut ipprezentata fid-29 ta' Ottubru, 2004 fejn intqal illi:**
**Il-konvenut qieghed jitlob is-somma ta' disa' mija u tletin lira Maltija (Lm930.00) rapprezentanti "commission" dovuta lura minghand is-socjeta' attrici skond kif miftiehem bejn il-partijiet, fuq l-istess xoghol ta' stampar li huwa gab ghand is-socjeta' attrici liema xoghol kien jaghmel parti mill-istess ordni tax-xoghol li ghalih is-socjeta' attrici fethet il-kawza.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.**
**Ra l-korrezzjoni ghall-kontro-talba mhux opposta, maghmula fit-2 ta' Dicembru, 2004, b'liema l-ammont tal-kontro-talba gie korrett biex jaqra elf u tmenin lira Maltija minflok disa' mija u tletin lira.**

**Ra r-risposta ghal kontro-talba pprezentata fis-16 ta' Ottubru, 2004 fejn intqal illi s-socjeta' attrici tichad bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt il-pretenzjoni tal-konvenut rigwardanti xi hlas allegatament dovut lilu bhala commission stante illi qatt ma kien hemm ftehim ta' dan il-generu.**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' David Shaw, Joe Cristiano, Karl Gouder, Mark Anthony Portelli, Lennart Zammit Monroe. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Il-kaz qed isir ghal hlas ta' xogholijiet u servizzi ta' stampar u dana skond l-istatment of account Dok B esebit. Il-konvenut qed jghid illi mhux illegitimu kontradittur u li l-ammont mhux dovut ghaliex ix-xoghol sar hazin u gie konsenjat tardivament. Il-konvneut fetah kontro talba li fija talab il-hlas ta' commission dovuta skond fthiem bejn il-partijiet. Is-socjeta attrici qed tghid illi ma kien hemm l-ebda fthiem dwar commission.**

**2. Karl Gouder Sales Manager tas-socjeta attrici spjega illi kienu saru 5,000 pakkett tal-karti lil MTA. Jghid illi kien sar zball fl-art work u ghalhekk kien inghatalhom art work gdid. Skond l-istess Gouder il-fthiem kien ta' sbataxx il-centezmu l-pakkett (Lm0.17). Hu qal illi kienu avvicinawhom Arial Company Limited biex ihallsu ammont sostanzjali mill-invoice u l-atturi accetaw il-pagament.**

**3. Joe Cristiano ghal Arial Company Limited qal illi l-MTA kienu ordnaw il-pakketti minghand Arial Company Limited. Kien hemm ordnijiet ukoll ghal l-Airmalta u ghal Inlingua. Cristiano ma kienx jaf min kien qed jirranga ma Portelli. Cristiano jikkonferma li l-MTA huma klijenti tieghu, jikkonferma illi nqalat problema dwar xoghol hazin, li Portelli kien ta' lis-socjeta attrici.**

**4. David Shaw ta' Eyecon Solutions kienu jihdu hsieb id-disinn u dwar ix-xoghol in kwistjoni kien sar l-ordni mas-socjeta attrici ghal total ta' 36,000 playing cards, biex jinqasmu bejn l-Airmalta (30,000) l-MTA (5,000) u Inlingua (1,000). Huma kellhom commission ta' tlett centezmi (Lm0.03c) fuq kull pakkett u l-prezz finali kien ta' sbataxx il-centezmu (Lm0.17) fuq kull pakkett. Jghid illi l-ordni kien saret minn Arial Company Limited.**

**5. Il-konvenut jikkonferma illi l-klijent tieghu kien Arial Company Limited, pero' il-fthiem ma Gutenberg Press kien sar minnu u minn David Shaw. Il-konvenut jghid li lilu Arial Company Limited qatt ma halsitu u jghid ukoll li qatt ma strutzzjonijiet lil Arial Company Limited biex thallas minfloku.**
**6. L-istess Gouder ghas-socjeta attrici jikkonferma illi n-negozzjati kienu bejnu u bejn il-konvenut.**
**7. Tenut kont ta' dak li ntqal jirrizulta illi ghalkemm Arial Company Limited hallset parti mill-ammont, b'dana kollu r-relazzjoni guridika kienet bejn is-socjeta attrici u l-konvenut ghaliex kien il-konvenut illi fil-fatt kien ha hsieb l-ordin tax-xoghol u ghaldaqstant kien qed jassumi r-responsabbilta ghal l-eventwali hlas, salv u impregudikat kull dritt tieghu ghar-rizarciment kontra terzi. Ghalhekk ma jirrizultax li kien hemm xi fthiem mal-konvenut ghal commission u l-commission fil-fatt jidher illi kienet dovuta lill-kumpanija Eyecon Solutions. Ghalhekk il-kontro talba tal-konvenut ghanda tigi michuda. Jinghad ukoll illi t-talba attrici tirrizulta pruvata.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jichad l-kontro talba tal-konvenut, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundana lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mitejn sebgha u hamsin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm1257.10) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-27 ta' Awissu, 2003, salv u impregudikat kull dritt tal-konvenut sic et quatenus kontra terzi.**

**L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------